MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

21 ta' Novembru 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ALEX MANGION – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur Alex Mangion li kien jinsab indispost.

## 34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.1.1 Inqrat l-ittra t'apologija tas-Sur Mangion. L-apoloġija ġiet aċċettata.

## 34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li taħt mistoqsijiet mill-Kunsilliera f'ta' s-Sur Ray Azzopardi iddaħħlet il-kelma kaptelli flok barriers.

## 34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**Sospensjoni biex jitkellem il-Perit Daniel Scerri.**

Il-Perit beda jitkellem fuq sistema ta' *pedestrian tunnels* ,accessibility hubs fejn tipparkja, tinżel u tikri rota permezz ta' mobile app u tasal fejn trid. Hu qal li Transport Malta qed tipproponi li jsiru bicycle lanes ta' 1 m meta fil-fatt dak li qed jipproponu huma bhalha periti hu li t-triq timxi b'xi metru u ssir bankina li tiddividi l-lane minn mat-triq. B'hekk it-toroq ikunu iktar safe, inqas imniġġsa u toroq qosra mhux kollox tlajja' u nzul. Hu qal li dan hu outlined permezz ta' mappa/pjanta The Real or The Alternative Grid fejn ġa jeżistu sistemi ta' kiri ta' roti li jaqdu preżentament sal-Universita'.

Is-Sur Cordina qal li ntbagħtet e-mail lill-Ministru Ian Borg mingħand resident fejn fiha intqal li jew l-Inġinier għadda n-nies kollha biż-żmien jew dan ma marx jirraporta dak li ntqal waqt il-laqgħa mar-residenti lill-Ministru.

Is-Sur Cassar qal li fis-sena 2017 għadhom qed jiġu mfittxa alternattivi oħra u hija ħasra li raba saqwi ħa jiġi ssagrifikat. Qal li l-aħjar tintbagħat ittra fejn jiġu elenkati diversi għażliet oħra. Is-Sur Spiteri qal li per eżempju r-residenti ssuġġerew tunnel, tidal lane, flyovers u li ssir obbligatorju li jiġi użat it-trasport tal-iskejjel. Ġie għalhekk propost li kull Kunsillier għandu jibgħat l-opinjoni tiegħu sa mhux iktar tard mill-10 ta' Diċembru 2017. Is-Sindku nforma wkoll li laqgħa li jmiss se jkun hemm xi persuni biex jiddiskutu l-EIA fuq il-proposta tal-Pompa tal-Petrol fi Triq l-Imdina.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward:

34.3.1 Maintenance Agreement ta' €400 fis-sena fuq il-cameras ta' Misraħ Kola u Ġnien Ħal-Warda sabiex jiġu evitati spejjeż żejda..

34.3.2 Jum Ħ'Attard u l-Ġemellaġġ kienu success kbir grazzi għall-ħidma kontinwa u l-isforz min-naħa tal-istaff. Is-Sur M. Spiteri ssuġġerixxa l jintbagħtu ittri ta' ringrazzjament. Dawn ġa ntbagħtu.

34.3.3 Kontijiet għall-ispejjeż ta' fjuwil mill-ħaddiema tar-Reġjun. Fil-prinċipju il-Kunsill ma qabilx li dawn jitħallsu imma ġaladarba l-ispejjeż saru għandhom jitħallsu ta' darba biss. Mill-bqija

dawn il-ħaddiema għandhom jużaw il-vettura tal-Kunsill.

34.3.4 Ittra mingħand il-Ministru Ian Borg fuq il-binja l-ġdida proposta fi Triq Dun Mikiel Xerri. Wara li qara l-kontenut a benefiċċju tal-Kunsilliera u min qed jisma qal biss li ma stenniex li kien hem għalfejn tinkiteb l-aħħar linja *Whilst I appreciate your concerns, you may wish to seek a judicial review according to law*.

34.3.5 Imejl mingħand Leon Productions fuq proposta ta' parata ta' żfin tal-Karnival f'Ħ'Attard. Il-Kunsill ħalla din l-proposta għall-iktar viċin iż-żmien u jekk ma jkunux jistgħu ma jkun ġara xejn.

34.3.6 Imejl mingħand il-Professur Henry Frendo fuq proposta sabiex jitkompla l- Ġemellaġġ ma' Licata. Is-Sur Cordina qal li jekk għandu jitkompla ġemellaġġ għandu jkun dak ma' Pieve Emanuele, f'Milan.

## 34.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

34.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq:

- Il-boroż tal-knis biex ma jitħallewx wara għax tat-trakk jekk ikunu tal-knis ma jiġborhomx.
- Jerġgħu jiġu ċċekkjati n-Non Urban għax reġa' mhu jsir xejn.

34.4.2 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- L-iSwap Shop. Qal li mar tajjeb ħafna għall-ewwel darba u ssuġġerixxa li għad-darba li ġej jitlestew sinjali SLOW DOWN, ikun hemm *poles* u *cones*. Qal li t-trakk għabba kollox u ħa kollox l-Amenity Site. Is-Sur Cordina qal li bħalissa r-raħal qed jinħarġu affarijiet għall-bulky refuse u meta jmur il-kuntrattur isib li dawn ikunu ttieħdu minn terzi.

34.4.3 Is-Sur Connie Scerri qalet li:

- Hemm bżonn issir bozza ġdida fi Triq il-Qiegħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xi erba' snin ilu saret waħda ħdejn in-numru 5.
- *S-Centre Strip* ta' ħdejn il-Maypole tkun sabiħa jekk tiġi dekorata. Is-Sur Cordina qal li diġa' saru arrangamenti biex issir siġra fil-pjazza u tiġi dekorata ċipressa kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tipprova ġġib donazzjoni mingħand Maypole stess, jekk le issir darb'oħra.

34.4.4 Is-Sur Raymond Azzopardi qal li:

- Hemm xi marki tal-karreġġjata neqsin ħdejn il-Pitkalija.
- Attenda seminar The Veg Box li sar bil-kollaborazzjoni tal-AKL . Biex isiru kopji tal-poster u jitwaħħlu man-*Notice Boards.*

## 34.5 Rapporti

34.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 34.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

34.6.1 Approvati.

## 34.7 Mozzjonijiet; u

34.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 34.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

34.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.55m u ġiet aġġornata għat-18 ta' Diċembru 2017 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina<br>Sindku | Marica Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |